# QORTI TAL-PRIM' ISTANZA

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-16 ta' Marzu 2009 — R vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-156/08 P)** ([1])

***("Appell — Servizz Pubbliku — Uffiċjali fuq perijodu ta' prova — Rapport dwar il-perijodu ta' prova — Nuqqas ta' att li jikkawża preġudizzju — Terminu tar-rikors — Tardività")***

(2009/C 102/28)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanta:* R (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: Y. Minatchy, avocat)

*Appellata*: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: D. Martin u K. Herrmann, aġenti)

**Suġġett**

Appell ippreżentat kontra d-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla), tad-19 ta' Frar 2008, R vs Il-Kummissjoni (F-49/07, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra) u intiż għall-annullament ta' din id-digriet.

**Dispożittiv**

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *R għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' din l-istanza.*

([1]) ĠU C 171, 5.7.2008.

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Frar 2009 — Deutsche Behindertenhilfe — Aktion Mensch vs UASI (diegesellschafter.de)**

**(Kawża T-47/09)**

(2009/C 102/29)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Deutsche Behindertenhilfe — Aktion Mensch eV (Mainz, il-Ġermanja) (rappreżentanti: V. Többelmann u A. Piltz, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-27 ta' Novembru 2008, fil-Każ R 1094/2008-1;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "diegesellschafter.de" għal servizzi fil-klassijiet 35 u 41 (Applikazzjoni Nru 4 606 372)

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni rrifjutata

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 ([1]), peress li t-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għandha l-karattru distintiv meħtieġ u peress li ma jeżisti ebda rekwiżit ta' disponibbiltà.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1).

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Frar 2009 — Swarovski vs UASI — Swarovski (Daniel Swarovski Privat)**

**(Kawża T-55/09)**

(2009/C 102/30)

*Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Daniel Swarovski (Volders, l-Awstrija) (rappreżentant: R. Küppers, avukat)